MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 9/2006

**GO plc**

**vs**

**Carmelo Bonello u Kurrier Holdings Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat l-aviz ipprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma t'elf tmien mija u tmenin lira u disa' w hamsin centezmu (LM1,880.59) rapprezentanti ammont ta' flus dovuti minnhom *in solidum* lis-socjeta attrici 'n konnessjoni ma servizzi telefonici bin-numri 487822 (CN10137557 – AC10143302), 447257 (AC 10137550), 447166 (AC 10137556), 447167 (AC10137557), 447168 (AC 10137555).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-dmirijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni**.**

Rat illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Mejju 2008 deher **Carmelo Bonello** u ddikjara li xtaq jikkontesta t-talba attrici f'ismu kif ukoll f'isem is-socjeta konvenuta Kurrier Holdings Limited.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut Carmelo Bonello m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici w ghalhekk jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fuq il-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhud **Dr. Keith Grech** in rappresentanza tas-socjeta attrici jghid nhar il-ewwel (1) t'Ottubru 2006 li l-konvenuti ghadhom debituri tas-socjeta minnu rappresentata fis-somma ndikata fl-avviz. Spjega li dan l-ammont jirrapprezenta numru ta' telefonati li saru fuq id-diversi tat-*telephones* indikati fid-dokumenti 'A' sad-dokument 'G' u liema ammonti kienu gew accettati mill-istess konvenuti meta fit-tletin (30) t'April 2001, skond id-dokument a fol. 8 u fol. 9 tal-process immarkati bhala Dok. 'J' u 'H' il-konvenuti kienu accettaw id-debitu kif hemm indikat.

Iddikjara wkoll li d-dokumenti a fol. 8 u 9 tal-process huma veri kopji tal-originali li qeghdin fil-*files* tas-socjeta attrici wara li hu stess kien rahom. Jghid ukoll li ma jidhirlux li sar xi pagament akkont tal-iskritturi ffirmati mill-konvenuti, ghalkemm fid-Dok. 'D' a fol. 5 tal-process jidher illi kien sar xi pagament fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Frar 2002 li pero kien gie riversjat u rega' addebitat fl-istess gurnata.

Illi nhar is-sittax (16) t'Ottubru 2008 is-socjeta attrici pprezentat zewg dokumenti li gew markati bhala Dok. 'G' u 'H' datati tletin (30) t'Awwissu 2001, liema dokumenti jammontaw ghal rikonoxximent ta' debitu ffirmat minn Karl Bonello detentur tal-karta tal-identita numru 461550M ghan-nom tas-socjeta Kurrier Holdings fejn hemm imnizzel kif kellu isir ir-*repayment programme* tad-debitu li kellu jithallas.

Rat id-dokument esebit mis-socjeta attrici a fol. 41 immarkat bhala Dok. IZY 1 li huwa estratt mir-Registru Elettorali fejn jindika li l-karta tal-identita numru 0461550M jghajjat lil Carmelo Bonello ta' Tal Kurrier, Triq il-Kbira, Gharghur u dwar dan id-dokument ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Rat illi nhar it-tnax (12) t'Ottubru 2009 xehed **il-konvenut Carmelo Bonello** w ikkonferma li d-dokumenti a fol. 8 u 9 tal-process gew iffirmati minnu ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta Kurrier Holdings Limited w ikkonferma li huwa m'ghandu u qatt ma kellu x'jaqsam mat-telefonijiet li jgibu n-numri ndikati fl-avviz. Dawk kienu jappartjenu lis-socjeta konvenuta Kurrier Holdings Limited w ghalhekk stqarr li huwa gie mharrek ghal xejn.

Ikkunsidrat:-

Illi bhala fatt is-socjeta konvenuta mhiex qed tikkontesta li r-rapprezentat taghha l-konvenut Carmelo Bonello, kien iffirma id-dokumenti a fol. 8 u 9 tal-process. Illi f'dawn id-dokumenti, l-konvenut kien irrikonoxxa d-debitu li kellha s-socjeta konvenuta Kurrier Holdings Limited u kien obbliga ruhu li jhallas dak l-istess debitu hemm indikat bil-modalita hemm stipulata. Jirrizulta li dawn iz-zewg dokumenti gew iffirmati nhar it-tletin (30) t'Awwissu 2001. Illi minn dakinhar 'l quddiem, ma jirrizultax li saru xi pagamenti jew xi sejhiet ufficcjali sabiex dan id-debitu jigi risaldat.
Illi dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Bonello de proprio, ma jirrizultax li hemm xi kont pendenti minnu personali u dan ghaliex mill-atti li gew esebiti, ma jirrizultaw li l-konvenut de proprio kien ir-*registered person*

tat-*telephones* indikati fl-avviz izda li hu kien iffirma ghalihom ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta Kurrier Holdings Limited w ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti thoss li qabel ma tidhol u tiddiskuti l-eccezzjoni tal-preskrizjoni, kellha l-ewwel tistabbilixxi jekk il-konvenut Bonello, hux il-legittimu kontradittur.

Illi minn dan kollu dan ma jirrizultax li huwa l-kaz w ghalhekk, il-Qorti qed tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Din hija kawza ghall-hlas ghas-somma ta' elf tmien mija u tmenin lira u disa' u hamsin centezmu (LM1,880.59) bhala ammont dovut lis-socjeta attrici 'n konnessjoni ma servizzi telefonici bin-numri 487822 (CN10137557 – AC10143302), 447257 (AC 10137550), 447166 (AC 10137556), 447167 (AC10137557), 447168 (AC 10137555).

Illi ghal din l-azzjoni, is-socjeta konvenuta eccepiet in linea preliminari l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (e) u (f) tal-Kap 16.

L-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jiddisponi:

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;"*

Minnufih jinghad li l-preskrizzjoni t'azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezeritata (Art. 2137 tal-Kap 16).

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** jghallmu li:-

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o*

*l'azione che e' destinata ad estinguere. . .*" (Cfr. *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279.)

Izjed 'l quddiem iziedu jghidu illi:-

*"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale" (Op. Cit. Par 393bis, pag 306).*

Illi gie stabilit ukoll li, ai finijiet tal-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda, tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li certament, in-nuqqas t'gharfien tal-ligi, m'huwiex raguni tajba biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel (Ara P.A. **25.4.1964** fil-kawza fl-ismijiet ***Alfred Delia vs John Testaferrata Abela (Kollez. Vol: XLVIII. ii. 959)***

Illi marbut ma' dan il-principju, hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull kaz, trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni (App. Civ. **5.4.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*).**

Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li, minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u "*tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*" (19 App.Civ. **11.5.1956** fil-kawza fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**)

Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva.

(Ara kawzi fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom** p.l.c. P.A. 9-Nov-2001, u **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. vs Dismar Co. Ltd.** P.A. 12-Ott-2004, u **Baudry- Lacantinerie et Tissier** fit-Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, "Della Prescrizione" Par. 712).

Rigward il-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f), jinghad li fil-kawza, **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sebgha (7) ta' Frar 1949, fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "*ghall-hlas ta' kull kreditu iehor….*"

Dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-depozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici w ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun *eiusdem generis* skond irregola komunament accettata fil-gurisprudenza. U f'din il-kawza saret referenza wkoll ghal **Spiteri vs Petrococchino et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar 1919.

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis*.

Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola t'interpretazzjoni ta' *eiusdem generis*, tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest ta' min ighid, li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu t'*obbligazione di fare*, imma kollha obbligazzjonijiet ghal hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din, trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-dsatax (19) t'Ottubru 1954, inghad li:-

*"….jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk*

*tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. Kull kreditu iehor hemm imsemmi, m'ghandux jiftiehem li jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus…."*

Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordnijiet ta' krediti; jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. PA** 12-Ott-2004).

Fil-kaz in ezami, il-hlas li qed jitalab huwa hlas ta' flus u ta' natura fungibbli w ghaldaqstant, jaqa' taht il-preskrizzjoni citata hawn fuq.

Illi l-ammont dovut allegat mis-socjeta` konvenuta zgur li huwa dovut sa minn Awwissu 2001.

Issa jekk wiehed jesamina l-atti processwali jirrizulta li s-socjeta attrici pprezentat l-avviz odjern fil-hdax (11) ta' Jannar 2006 u minn esami tad-dokumenti esebiti a fol. 8 u 9 tal-atti, jirrizulta li Carmelo Bonello, ghan-nom tas-socjeta konvenuta Kurrier Holding Limited, kien irrikonoxxa d-debitu ta' din is-socjeta, billi iffirma l-iskrittura moghtija lilu nhar t-tletin (30) t'Awwissu 2001.

B'hekk m'hemmx dubbju li d-debitu tas-socjeta attrici gie rikonoxxut entro l-perijodu preskrittiv ta' hames snin.

L-azzjoni kienet tkun preskritta li kieku dan il-ftehim a fol. 8 u 9 gie iffirmat wara it-tletin (30) t'Awwissu 2006.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu is-socjeta attici ressqet lix-xhud taghha Dr. Keith Grech jixhed u jghid li ma sar l-ebda pagament

minghand is-socjeta konvenuta w ghalhekk id-debitu imsemmi fl-avviz, kien ghadu kollu dovut.

Minn naha l-ohra Carmelo Bonello xehed u stqarr li huwa personalment m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici. Dwar id-debitu tas-socjeta konvenuta pero ma qal xejn u ma ressaq l-ebda prova kuntrarja ghal dik imressqa mis-socjeta attrici w ghalhekk il-Qorti tasal biex tifhem li dan id-debitu ghadu dovut.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qieghda takkolji l-eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Bonello, li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement qieghda tilliberah minn tali gudizzju, qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni u fil-mertu u tilqa it-talba billi qieghda tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici dik is-somma msemmija fl-avviz u cioe s-somma ta' elf tmien mija u tmenin lira u disa' u hamsin centezmu (LM1,880.59) ekqivalenti ghal erbat elef tlett mija u hamsin euro u tnejn u sittin euro centezmi (EURO4350.62).**

**Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi jithalsu kollha mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------